MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 876/2002/1

**MIDDLE SEA INSURANCE PLC**
**KIF SURROGATA FID-DRITTIJIET**
**TAL-ASSIKURAT TAGHHA GABCo**
**LIMITED KIF WKOLL L-ISTESS**
**GABCo LIMITED**

**Vs**

**ROY ALEXANDER RUSSELL**

Illum, 31 ta' Ottubru, 2003.

It-Tribunal:

Ra l-avviz prezentat fit-8 ta' April, 2002, mill-atturi (**1**) is-socjeta' attrici Middle Sea Insurance p.l.c., kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha GAB Co Limited, u (**2**) l-

istess GAB Co  Limited, li bih talbu li l-konvenut Roy Alexander Russell jigi kundannat ihallashom is-somma ta’ elf, hamsa w hamsin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmi (Lm1,055.82c), dovuta in kwantu ghas-somma ta’ Lm1,030.82c lis-socjeta’ attrici assikuratrici, u in kwantu ghas-somma ta’ Lm25 lis-socjeta’ attrici GAB Co. Ltd., rappresentanti danni li sofrew meta l-konvenut, waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru CBA 441 fit-23 ta’ Awwissu, 2001, gewwa Rahal Gdid, habat mal-vettura numru LAE 274 proprjeta’ tas-socjeta’ attrici GAB Co. Ltd., u kkaguna danni f’ din l-istess vettura, ghall-liema incident, skond l-atturi, huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti w traskurat.  Bl-ispejjes, komprizi dawk ta’ ittra ufficcjali datata 22 ta’ Marzu, 2002, kontra l-konvenut, u ta’ ittra ufficcjali ohra presentata kontestwalment ma’ dan l-avviz, kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, bl-imghax kontra l-istess konvenut ingjunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Roy Alexander Russell prezentata fis-27 ta’ Gunju, 2002, li biha eccepixxa li hu mhux responsabbli ghall-incident riferit fit-talba li ghalih hi responsabbli Audrette [recte Audrey] Briffa, u dan minhabba negligenza, traskuragini w nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti da parti ta’ l-istess Audrette [recte Audrey] Briffa, u ghalhekk, stante li t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, dawn ghandhom jigu michuda. Bl-ispejjes kontra s-socjetajiet attrici li huma wkoll ingjunti ghas-subizzjoni.

Semgha lix-xhieda kollha prodotti bil-gurament.

Ra d-dokumenti esebiti w l-provi kollha.

Semgha t-trattazzjoni taz-zewg nahat.

Ra l-atti.

**IKKUNSIDRA :**

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw habta li grat fit-23 ta' Awwissu, 2001, gewwa Valletta Road, Paola, ezattament quddiem l-ghassa tal-pulizija ta' Rahal Gdid, ghal xil-11.30 a.m., bejn il-vettura numru LAE 274, proprjeta' tas-socjeta' attrici GAB Co. Ltd., misjuqha minn Audrey Briffa li kienet gewwa Valletta Road, sejra fid-direzzjoni ta' Haz-Zabbar, u l-vettura numru CBA 441, proprjeta' ta' u misjuqha mill-konvenut Roy Alexander Russell li kien gej mill-Pjazza ta' Rahal Gdid u dar ghal gewwa Valletta Road sejjer fid-direzzjoni tal-Marsa.

**IKKUNSIDRA :**

Il-konvenut jghid li biex dahar mal-kantuniera ta' Paola Square ma' Valletta Road, hu kellu bilfors izomm ' l barra l-ghaliex fuq ix-xellug tieghu kien hemm karozzi parkjati gewwa Valletta Road, u anke xi wahda li kienet 'double-parking'. Kien ghalhekk, jallega hu, li kellu jersaq ghal nofs it-triq meta hargitlu karozza pparkjata minn fuq ix-xellug tieghu fejn sab lill-Audrey Briffa tiela mid-direzzjoni opposta, u b' hekk saret il-habta. Jghid li din il-habta saret proprju f' nofs it-triq.

B' rizultat ta' din il-habta, il-vettura misjuqa minn Briffa sofriet danni f' diversi partijiet taghha li huma piuttost sostanzjali, u dan fl-ammont indikata fl-avviz ta' Lm 1,055.82 c. Wiehed hawn ghandu jqies li din kienet 'a head-on collision' u allura l-impatt kien xi daqxejn qawwi wkoll.

**IKKUNSIDRA :**

Illi l-konvenut qed jghid li t-tort tal-habta jaqa' unikament fuq Audrey Briffa minhabba negligenza, traskuragini w non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, din l-eccezzjoni tal-konvenut ma treggiex.

Jekk kien hemm xi kontribuzzjoni ghall-incident, se mai, din kienet dovuta ghall-vetturi parkjati fuq ix-xellug tal-konvenut li hu jghid li kien hemm u li minhabba fihom kellu izomm ghal nofs it-triq.  Ma jirrizulta ebda ksur tar-regolamenti tat-traffiku jew negligenza jew traskuragini f' Audrey Briffa fis-sewqan taghha.  Hi kienet ghaddejja fuq in-naha taghha tat-triq, bi speed normali, sejra lejn id-direzzjoni ta' Paola Square. Kien biss il-konvenut li jirrizulta li dahar min-naha ta' Paola Square ghall-gewwa Valletta Road, mar lejn nofs it-triq, anzi qabez nofs it-triq, invada l-karreggjata ta' Briffa u baqa' diehel fil-vettura misjuqa minnha b' mod piuttost qawwi. Briffa ma ghandha assolutament ebda forma ta' htija jew kontribuzzjoni f' din il-habta. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-konvenut qed tigi michuda.

**IKKUNSIDRA :**

Dwar is-sewqan tal-konvenut, dan indubjament jirrizulta negligenti w traskurat.  Hu kellu jnaqqas l-ispeed tieghu konsiderevolment meta kien qed javvicina il-kantuniera biex idur minn Paola Square ghall-Valletta Road.  Ma jirrizultax li l-konvenut ghalmel hekk.

Fil-fatt, meta l-konvenut dahar, kien difficli ghalih li jikkontrolla l-vettura tieghu l-ghaliex allegatament sab vetturi pparkjati fuq ix-xellug tieghu, anke double-parking, b' mod allura kellu jidhol fil-karreggjata ta' Briffa. Fl-okkorrenza li saret mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz hemm il-verzjoni tal-konvenut:- *"Russell stated that he was turning from pjazza Antoine de Paul in the direction of Valletta Rd and due to a double parked car reg no JAK208 which was infront of Esebio Bar he swerved to his right side to avoid said car and collided into car reg no LAE274"*.

Barra minn hekk, Valletta Road hi triq piuttost wiesgha, u anke jekk kien hemm karozzi parkjati fiha, kif qed jghid u jallega l-konvenut, u kif jidher fl-iskizz a fol 33, il-konvenut setgha facilment jibqa' fuq in-naha tieghu ta' din it-triq li

kieku dahar il-kantuniera b’ sewqan prudenti. Hu aktar probabbli li l-vettura tieghu haditu meta dahar u sab il-karozzi pparkjati minhabba l-ispeed li kien ghaddej bih. It-Tribunal mhux qed jghid li l-konvenut kien ‘overspeeding’, izda qed jghid li sewqan tajjeb u prudenti, f’ dik il-lokalita’ w cirkustanzi, kien jitlob li l-konvenut jirrallenta sew fil-kantuniera u jdurha bil-mod. B’ dan is-sewqan tieghu, il-konvenut halaq *‘a sudden emergency’*, bir-rizultat li kellu *‘a self-inflicted incapacity’*, l-ghaliex ma setghax jevita l-incident in kwistjoni

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li qed jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jillikwida d-danni kagunati fil-vettura numru LAE 274, proprjeta’ tas-socjeta’ attrici GAB Co. Ltd. fl-ammont mitlub fl-avviz, cioe’ Lm1055.82c, u jikkundanna lill-konvenut li jhallas dawn id-danni in kwantu is-somma ta’ Lm1,030.82 c lis-socjeta’ attrici Middle Sea Insurance p.l.c., u is-somma ta’ Lm25 lis-socjeta’ attrici GAB Co. Limited. Bl-ispejjes u imghaxijiet legali kontra l-istess konvenut kif mitlubin fl-avviz.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------